

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesarbeitsgericht Berlin-Brandenburg (il-Ġermanja) fid-29 ta' Marzu 2011 — Ahmed Mahamdia vs Ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija

(Kawża C-154/11)

(2011/C 173/10)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landesarbeitsgericht Berlin-Brandenburg (il-Ġermanja)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Ahmed Mahamdia.

Konvenuta: Ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija

Domandi preliminari

- (1) L-ambaxxata, li tinsab fi Stat Membru, ta' Stat li jinsab barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonossiment u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 44/2001")⁽¹⁾ hija fergħa, aġenzija jew xi stabbiliment ieħor, fis-sens tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 44/2001?
- (2) Fil-każ li tingħata risposta pożittiva għall-ewwel domanda: klawżola li tagħti l-ġurisdizzjoni, li tkun saret wara li tkun qamet il-kwistjoni, tista' tkun il-bażi ta' ġurisdizzjoni ta' qorti li tinsab barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001 meta din il-klawżola li tagħti l-ġurisdizzjoni telimina l-ġurisdizzjoni bbażata fuq l-Artikoli 18 u 19 tar-Regolament Nru 44/2001?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Napoli (l-Italja) fil-31 ta' Marzu 2011 — Giuseppe Sibilio vs Comune di Afragola

(Kawża C-157/11)

(2011/C 173/11)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Napoli

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Giuseppe Sibilio

Konvenut: Comune di Afragola

Domandi preliminari

- (1) Id-Direttiva 1999/70/KE⁽¹⁾ hija applikabbli għall-ħaddiema soċjalment utli, fi kliem ieħor, l-imsemmija ħaddiema għandhom jiġu kkunsidrati, fis-sens tal-klawżola 3(1), bħala persuni li r-relazzjoni tal-impjieg tagħhom hija ddefinita direttament bejn min iħaddem u l-ħaddiem u li t-terminu tagħha huwa ddeterminat minn kundizzjonijiet oġġettivi bħall-ilħuq ta' data speċifika, li fil-kawża prinċipali kienet id-data tat-tmiem tal-proġett;
- (2) il-klawżola 4 tipprekludi li ħaddiem LSU/LPU jirċievi remunerazzjoni inqas minn dik ta' ħaddiem għal żmien indeterminat li jaqdi l-istess funzjonijiet u li għandu l-istess anzjanità fis-servizz, biss minħabba li r-"relazzjoni" ta' impjieg tiegħu kienet bdiet bil-mod deskritt preċedentement, fi kliem ieħor, jekk dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva li tista' tiġġustifika remunerazzjoni inqas favorevoli?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fl-1 ta' April 2011 — Azienda Sanitaria Locale di Lecce vs Ordine degli Ingegneri della Provincia di Lecce et — Università del Salento

(Kawża C-159/11)

(2011/C 173/12)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Azienda Sanitaria Locale di Lecce

Konvenuti: Ordine degli Ingegneri della Provincia di Lecce, Consiglio Nazionale degli Ingegneri, Associazione delle Organizzazioni di Ingegneri, di Architettura e di Consulazione Tecnico-Economica (Oice), Etacons srl, Ing. Vito Prato Engineering srl, Barletti — Del Grosso e Associati srl, Ordine degli Architetti della Provincia di Lecce, Consiglio Nazionale degli Architetti, Pianificatori, Paesaggisti e Conservatori (Cnappc)

Intervenenti ad adiuvendum/parti oħra kkonċernata: Università del Salento